Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10297 — CDPQ/OTPP/OHIO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 207/05)

1. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada);

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada);

— Ohio National Mutual Holdings, Inc. ("Ohio", l-Istati Uniti tal-Amerka).

CDPQ u OTPP jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ohio, permezz tal-pjattaforma tagħhom Constellation Insurance LP.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDPQ huwa investitur istituzzjonali fit-tul li tiġġestixxi fondi primarjament għal pjanijiet ta' pensjoni u assikurazzjoni pubbliċi u para-pubbliċi globalment. Tinvesti dawn il-fondi fi swieq finanzjarji ewlenin, ekwità privata, dħul fiss, infrastruttura u proprjetà immobbli;

— L-OTPP hija impenjata bl-amministrazzjoni tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment tal-assi tal-pjanijiet tal-pensjoni f'isem madwar 331,000 għalliem attiv u rtirati fil-provinċja Kanadiża ta' Ontario;

— Ohio hija fornitur Amerikana tal-assikurazzjoni tal-ħajja individwali, l-assikurazzjoni ta' dħul minn diżabilità u annwalitajiet, kif ukoll servizzi ta' sensara-negozjant u servizzi ta' konsulenza dwar l-investiment u, barra mill-Istati Uniti tal-Amerka, hija attiva wkoll fil-Brażil, iċ-Ċilì u l-Perù.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10297 - CDPQ/OTPP/OHIO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË